MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 22/2002/1

**Surgiquip Limited**

**v.**

**Chemimart Limited bhala agent, ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Vitabiotics Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Jannar, 2002 is-socjeta` attrici ippremettiet

illi l-kumpanija attrici timporta u tbiegh fuq is-suq Malti medicinali u prodotti u farmaceutici u kosmetici ohra; billi fil-kors tax-xoghol taghha l-kumpanija attrici kienet ghamet xi negozju mal-kumpanija Vitabiotics ta' l-Ingilterra fis-sens li l-kumpanija attrici kienet importat f'Malta minghand il-kumpanija Vitabiotics Limited xi prodotti taghha; illi sussegwentement ghal dan in-negozju l-kumpanija Vitabiotics Limited kienet avvicinat lill-kumpanija attrici bl-iskop li jizviluppaw l-istess negozju u r-relazzjoni taghhom u jifformalizzaw ftehim ghad-distribuzzjoni tal-prodotti tal-kumpanija Vitabiotics f'Malta tramite il-kumpanija attrici; illi effetivament, wara li saru diskussjonijiet u negozjati il-partijiet kienu ftehmu u l-kumpanija Vitabiotics Limited kienet intrabtet li tissuplixxi xi prodotti lill-kumpanija attrici, bi prezzijiet specjali, sabiex din tkun tista' tiddistribwixxi l-istess fuq is-Suq Malti;  illi dan il-ftehim huwa inkorporat f'ittra li l-kumpanija Vitabiotics baghtet lill-kumpanija attrici b'dokumenti annessi intitolati "Trade Terms'' u "Surgiquip'' Limited – Malta Export Price List''; illi sussegwentement, b'ittra/fax tas-6 ta' Settembru 2001 il-kumpanija Vitabiotics Limited ikkominikat lill-kumpanija atttrici id-decizjoni taghha li ma kinitx ser tonora l-obbligi taghha skond il-ftehim imsemmi u ppretendiet li tittermina l-istess ftehim; sussegwentement, il-kumpanija Vitabiotics irrifjutat li tissupplixxi il-prodotti ordnati mill-atturi skond il-ftehim; illi tali rifjut huwa illegali u bi ksur ta' l-obbligi kontrattwali assunti mill-kumpanija Vitabiotics Limited fil-konfront tal-kumpanija attrici; illi, kagun ta' l-agir tal-kumpanija Vitabiotics Limited il-kumpanija attrici soffriet danni kbar konsistenti f'telf ta' negozju u qligh u f'danni lir-reputazzjoni taghha kkagunati minhabba dikjarazzjonijiet pubblici skorretti u dan kif sejjer jigi dimostrat tul is-smigh tal-kawza; illi interpellati diversi drabi, anke ufficjalment b'ittra tad-29 ta' Ottubru 2001, sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati lill-kumpanija attrici mill-konvenuti nomine kif fuq premess, l-istess konvenuti baqghu inadempjenti; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:

"1. Issib u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni meta huma naqsu milli jwettqu l-obbligi minnhom assunti fil-konfront tal-kumpanija attrici u cioe` bir-rifjut taghhom li jissuplixxu merkanzija fit-termini u bil-prezzijiet

li kienu intrabtu li jissupplixxuhom, kif ukoll bit-tixrid fuq is-suq Malti ta' informazzjoni skorretta li tista' taghmel hsara lin-negozju tal-kumpanija attrici;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-kumpanija attrici kif fuq inghad u konsistenti fi spejjez inkorsi mill-istess kumpanija attrici sabiex jitmexxew il-prodotti tal-konvenuti fuq is-suq Malti, f'telf ta' qligh u ta' negozju u fi [recte: bi] hsara lir-reputazzjoni tal-kumpanija attrici fis-suq;

"3. Tikkundanna il-konvenuti ghall-hlas tad-danni kif likwidati."

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru 2001 u bl-imghaxijiet il-konvenuti huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fis-26 ta' Frar, 2002 is-socjeta` konvenuta eccepiet:
"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti noe qatt ma naqsu fl-obbligi taghhom fil-konfront tas-socjeta` attrici, u lanqas xerrdu nformazzjoni skorretta fuq is-socjeta` attrici.

"2. Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tas-socjeta` attrici.

"3. Illi ghalhekk l-eccipjenti noe m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-ebda ammont.
"4. Salv eccezjonijiet ulterjuri."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-27 ta' Frar, 2006 bil-mod segwenti:
"*DECIZJONI*
*Ghal dawn il-motivi*
*Il-Qorti tiddeciedi*
*Billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici*

*U tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlettax il-elf u tmien mitt lira Maltin (Lm13,800).*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax mid-data tas-sentenza.*"

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"**FATTI**

"Fl-20 ta' April 2001 (ara ittra a fol. 6 tal-process) is-socjeta` konvenuta kienet kitbet lis-socjeta` Alliance Unichem (Malta) Limited, liema socjeta` irrizulta li hija sussidjarja tas-socjeta` attrici, u talbitha tieqaf milli timporta u tiddistribwixxi fis-suq lokali il-prodotti taghha tal-marka Vitabiotics u dan peress li din l-impoprtazzjoni ma kienitx awtorizzata minnha u anki ghaliex hija kelllha distributur esklussiv ghas-suq Malti, u cioe` Chemimart Limited.

"Is-socjeta` attrici baghtet risposta ghal din l-ittra (ara dokument esebit a fol. 8 u 9 tal-process) fejn hija rreferiet ghal konversazzjoni telefonika li kienet saret bejn il-partijiet u wara li spjegat li fil-fehma taghha il-*parallel importation* tal-prodotti tas-socjeta` konvenuta ma kienx jikkostitiwixxi xi att illegali hija infurmat lis-socjeta` konvenuta li rapprezentant taghha kien ser ikun Londra bejn it-2 u t-8 ta' Mejju 2001 u li forsi kien ikun opportun li huma jiltaqghu sabiex jiddiskutu l-kwisjtoni ulterjorment.

"Is-socjeta` konvenuta irrispondiet billi stiednet lis-socjeta` attrici ghal laqgha fl-ufficcju taghha (ara dokument a fol. 10 tal-process). Jiririzulta li waqt din il-laqgha li saret fit-2 ta' Mejju 2001 il-partijiet lahqu ftehim permezz ta' liema is-socjeta` konvenuta kient ser tibda tissuplixxi il-prodotti taghha lis-socjeta` attrici bi prezzijiet specjali u din ta' l-ahhar kienet ser tiddistribwixxi dawn il-prodotti fis-suq Malti. Dan il-ftehim huwa nkorporat f'ittra mibghuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici fl-10 ta' Mejju 2001 (esebit a fol. 11) u f'zewg dokumenti annessi ma' din l-ittra (a fol. 12 u 13) liema dokumenti huma ntitolati 'Trade

Terms' u 'Surgquip Limited – Malta Export Price List' rispettivament.

"Wara ftit xhur li dahal fis-sehh dan in-negozju bejn il-partijiet, is-socjeta` konvenuta permezz ta' ittra data 6 ta' Settembru 2001 infurmat lis-socjeta attrici li hija kienet iddecidiet li tittermina l-arrangjament li kien hemm bejn il-partijiet b'effett immedjat u qaltilha li din id-decizjni ma kientix negozjabbli. Inoltre permezz ta' avviz ippublikat f'gazzetta lokali, liema avviz gie iffirmat kemm mis-socjeta` konvenuta kif ukoll mis-socjeta konvenuta nomine, l-ispizeriji u membri tal-professjoni medika gew infurmati li Chemimart Limited kienet l-unika distributur u mpurtatur tal-prodotti tas-socjeta` konvenuta fuq is-suq Malti u li kwalunkwe dikajrazzjoni maghmula minn terzi f'dan is-sens kienet ghal kollox infondata.

**"It-talbiet attrici**

Is-socjeta` attrici tirritjeni li s-socjeta` konvenuta naqset mill-obbligi kuntrattwali minnha assunti fil-mument li hija irrifjutat li tkompli tissuplixxi il-prodotti taghha lis-socjeta` attrici bil-prezzijiet u modalitajiet miftehma bejniethom. Is-socjeta` attrici tirritjeni wkoll li dan l-agir ikkawzalha danni kif ukoll ikkawzalha danni t-tixrid ta' nfurmazzjoni skorretta da parti tas-socjeta` konvenuta. Hija ghalhekk talbet il-likwidazzjoni u l-kundanna ghal hlas tad-danni hekk likwidati kawzati lilha mis-socjeta` konvenuta.

**"Kontestazzjoni konvenuti**

"Is-socjeta konvenuta min-naha l-ohra wiegbet li ma kien hemm ebda ksur ta xi obbligi kuntrattwali da parti taghha u tichad li hija xerdet xi nformazzjoni skorretta li setghat ikkawzat danni lis-socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta tiddefinixxi l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet bhala *co-distribution/marketing trial period* u ssostni li hija kellha dritt lli tittermina dan l-arrangjament fil-mument li hija ghazlet li taghmel dan u li ghalhekk ma kienx hemm ksur ta' ebda obbligu kuntrattwali.

**"Il-ftehim bejn il-partijiet**

“Ma hemmx qbil bejn il-partjiet dwar in-natura tal-ftehim li kien jezisti bejn is-socjeta attrici u Vitabiotics qabel ma dan gie tterminat unilateralment mis-socjeta` konvenuta Vitabiotics. Is-socjeta` attrici ssostni li l-ftehim kien wiehed fejn is-socjeta` konvenuta ikkonceditilha l-*exclusive distributorship* tal-prodotti taghha fuq is-suq Malti filwaqt li socjeta` konvenuta tirritijeni li l-ftehim kien wiehed ta’ *co-dstributorship and marketing* u kien biss ghal perijodu ta’ prova. Hija tispjega li fil-mument li hija waslet fi ftehim mas-socjeta` attrici hija diga’ kellha *exclusive disitribuitor* ghas-suq Malti ma’ Chemimart Limited u li hija kienet dahlet fi ftehim mas-socjeta` attrici sabiex tara jekk kienx possibbli li jkollha zewg distributuri kontemporanjament izda meta ndunat li dan ma kienx possibbli hija ddecidiet li twaqqaf dan l-arrangjament li kellha mas-socjeta` attrici.

“Il-socjeta konvenuta ghalhekk issostni li hija kelllha d-dritt twaqqaf dan il-perijodu ta’ prova proprju ghaliex kien biss trial period. Is-socjeta` konvenuta ssostni wkoll li ma kienx hemm ftehim veru u proprju bejn il-partijiet izda biss *trade terms* u li ghalhekk ma jistghax jinghad li kien hemm xi ksur ta’ obbligi kuntrattwali.

**“Tikkunsidra**

“In kwantu jirrigwarda din l-ahhar sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta irid jinghad li ghalkemm ma giex iffirmat *distributorship agreement* b’mod formali izda jirrizulta ampjament pruvat li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet fejn is-socjeta` konvenuta kienet obbligat ruhha li tipprovdi u tissuplixxi l-prodotti taghha bi prezzijiet specjali lis-socjeta` attrici sabiex din ta’ l-ahhar tkun tista’ tiddistribwihom fuq is-suq lokali.

“Dan il-ftehim huwa inkorporat fl-ittra li ntbaghtet mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici fl-10 ta Mejju 2001 u fid-dokumenti annessi ma’ l-istess ittra, u senjatament id-dokument intitolat Trade Terms. Dan id-dokument jistabilixxi il-parametri li fih kellu jsir in-negozju bejn il-partijiet filwaqt li d-dokument intitolat Surgiquip Limited – Malta Export Price List jindika il-prezzijiet li bihom is-

socjeta` konvenuta kienet ser tissuplixxi l-podotti taghha lis-socjeta` attrici.

“Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija dokumenti jindikaw b’mod car li kien sar ftehim bejn il-partjiet u li ghalhekk iz-zewg partijiet assumew obbligi kuntrattwali fil-konfront ta’ xulxin. Ghalkemm dan il-ftehim ma giex inkorporat fi ftehim formali debitament iffirmat miz-zewg nahat fejn gie elenkat b’mod dettaljat u akkurat il-modalitajiet li bihom kien ser isir in-negozju bejnithom, kif isir is-soltu f’dan it-tip ta’ negozju, xorta wahda gew stabbilti trade terms bejn iz-zewg nahat li jorbtu. Trade terms huma fuq kollox il-modalitajiet li bihom kien ser isir in-negozju bejn il-partijet u dan ifisser li gew krejati obbligi kuntrattwali bejniethom.

“Il-Qorti pero trid tistabilixxi jekk kienx hemm xi ksur ta’ dawn l-obbligi kuntrattwali da parti tas-socjeta` konvenuta fil-konfronti tas-socjeta` attrici u dana partikolarment b’riferenza ghall-ittra li ntbaghtet mis-socjeta` konvenuta fl-10 ta’ Mejju 2001 u partikolarment id-dokument intitolat ‘*Trade Terms’*.

“Kif diga’ ntqal aktar il-fuq is-socjeta` konvenuta ssostni li l-ftehim bejn il-partjiet kien biss *co-distributorship and marketing trial period* u li hija setghat titterminah meta trid. Is-socjeta` attrici min-naha l-ohra tghid li l-ftehim kien wiehed ta’ exclusive distributorship u ssostni li dan ma setghax jigi tterminat qabel il-perijodu ta’ sena.

“Il-Qorti trid tiddeciedi ghalhekk jekk il-ftehim in kwistjoni kellux xi terminu jew altrimenti jekk dan setghax jigi terminat liberament f’kwalunkwe stadju.

“Fl-imsemmi dokument ma hemmx specifikatament indikat li l-ftehim huwa applikabbli ghal certu perijodu u l-anqas hemm specifikat li l-istess ftehim huwa ghal perijodu ta’ prova u wiehed irid ghalhekk jasal ghal dak li intendew il-partjiet permezz ta’ kriterji ohra. F’dan ir-rigward issir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta f’sentenza tat-3 ta’ Ottubru 2003 fil-kawza fl-simijiet ***George Portanier nomine vs Charles Bezzina*** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:-

"Meta f'kuntratt il-partjiet ma jkunux spjegaw ruhhom car, jew posterjorment ghal kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li hemm bzonn tigi maqtugha, allura l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mll-kumpless tal-konvenzjonijiet".

"Fil-kaz in ezami ghalkemm fit-Trade Terms applikabbli bejn il-partjiet ma hemmx klawzola *ad hoc* li tispecifika il-perijodu li fih il-ftehim ghandu jibqa' in vigour, hemm diversi klawzoli ohra li mid-dcitura taghhom jindikaw li l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument li ntlahaq il-ftehim kienet li dan il-ftehim ikun applikabbli ghal mill-anqas ghal perijodu ta' sena.  Fil-fatt f'dik il-parti fejn hemm indikat il-'Minimum Purchase Volume' insibu is-segwenti:-

"The minimum purchase volume for the first trade year (starting from the date of the first order) is of GBP 100,000.
The minimum annual purchase volume for the second trade year will be set up in  due course".

"Aktar l-isfel u precizament fil-parti ntitolata 'Credit Ceiling' insibu hekk:-

"As per our export policy and auditors instructions, the credit ceiling… allocated to Surgiquip for the first trade year is of…….
This credit limit will be revised annually, in January of each year….."

"Fil-parti fejn hemm stabbiliti t-*trade terms* in kwantu jirrigwarda l-*marketing support* insibu hekk:-

"To be supplied as follows…….
A) In bonus and medical samples - 1st trade year starting from date of first order…….

"Marketing support for subsequent years will be agreed upon in due course".
"Fil-fehma tal-Qorti dawn il-klawzoli jindikaw b'mod car li l-intenzjoni tas-socjeta` konvenuta fil-mument li ntlahaq il-ftehim mas-socjeta attrici kienet li l-istess ftehim ikun applikabbli ghal lanqas ghal perijodu ta' sena u li wara din is-sena jergghu jigu negozjati kundizzjonijiet ohra. Jista' jkun il-kaz li s-socjeta` konvenuta kienet qed tikkonsidra din is-sena bhala perijodu ta' prova izda l-intenzjoni taghha certament kienet li l-ftehim milhuq mas-socjeta` attrici kien applikabbli ghal mill-anqas perijodu ta' sena.

"Dan ghalhekk ifisser li l-fatt li s-socjeta` konvenuta unilateralment iddecidet li tittiermina dan il-ftehim wara biss erba' xhur kien jikkostitwixxi nuqqas da parti taghha mill-obbligi kuntrattwali minnha assunti permezz ta' dan il-ftehim u li hija ghalhekk ghandha ttiqies responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza ta' dan l-agir.
"Il-kwisjtoni dwar jekk il-ftehim kienx wiehed ta' *exclusive distributorship* jew wiehed ta' *co-distributorship*, kif qed isostni s-socjeta` konvenuta, m'hijiex rilevanti ghal finijiet ta' determinazzjoni ta' l-inadempjenza ta' l-obbligi kuntrattwali minnha assunti ghaliex is-socjeta` attrici qed tallega li s-socjeta` konvenuta naqset mill-obbligi kuntrattwalli billi hija itterminat il-ftehim bejn il-partjiet qabel iz-zmien u mhux ghaliex kien hemm xi ksur ta' l-obbligu ta' l-*exclusive distribution.*

"**Danni**

"Is-socjeta` attrici prezentat prospett ta' d-danni (a fol. 57 tal-process) fejn hija elenkat l-ammont ta' danni minnha allegatament sofferti bhala konsegwenza ta' l-agir tas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti jidrilha li l-ammont kumplessiv ta' danni reklamati mis-socjeta attrici fl-ammont ta' Lm75,328.83 huwa eccessiv u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati aktar l-isfel.

"Is-socjeta` attrici ssostni li hija kellha telf ta' profitt fuq xiri ta' prodotti fl-ewwel sena ta' valur ta' LS100,000 (sterlina) fl-ammont ta' Lm52,895.83. Hija ma gabet ebda prova

preciza dwar kemm fil-fatt lahqet bieghet fil-perijodu li dam in vigore il-ftehim izda ndikat biss kemm lahqet xtrat stock minghand is-socjeta` konvenuta u ghalhekk hija ma pruvatx b'mod sodisfacenti x'kienu il-projected sales u profits ghal l-ewwel sena.

"Is-socjeta` attrici ndikat li kien ser ikollha profitt ta' madwar 95% meta ir-regolamenti li jistabbilixxu l-Maximum Prices and Commodities (ara dokument a fol. 126 et seq. tal-process) jistabbilixxu profit margin ta' bejn 15 u 20 fil-mija. Inoltre s-socjeta` attrici kkalkulat il-profitt anki fuq is-samples u l-bonus supplies. Il-Qorti, wara li kkunsidrat dawn il-fatturi kollha, tillikwida il-loss of profit ghal perjodu rimanenti ta' tmien xhur bil-hmistax fil-mija (15%) fl-ammont ta' Lm6,000.

"Is-socjeta` attrici qed titlob ukoll l-ammont li hija hallset bhala paga u kummissjoni ghal *medical representative* li giet impjegata minnha specifikatament sabiex tippromuovi il-prodotti tas-socjeta` konvenuta kif ukoll il-pagi ta' *sales representative* u l-kiri ta' zewg vetturi utilizzati minn dawn iz-zewg persuni. Filwaqt li s-socjeta` konvenuta ippruvat permezz tax-xhieda ta' Sharon Gauci, li xehdet fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2004, li hija kienet impjegat *medical representative* specifikatament sabiex tippromuovi l-prodotti tas-socjeta` konvenuta u li hija kellha tittermina l-impjeg taghha fil-mument li gie tterrminat il-ftehim mas-socjeta` konvenuta, l-istess ma jistghax jinghad in kwantu jirrigwarda s-sales representative. Il-Qorti ghalhekk ser tillikwida d-danni mitluba fir-rigward tal-*medical representative*, ghal paga, kummissjoni u karozza fis-somma ta' Lm5,800. Ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-ispejjez ta' reklamar u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ma tistax tigi kkundannata thallas l-ammont ta Lm800.00 mitlub mis-socjeta` attrici f''dan ir-rigward.

"Is-socjeta` attrici qed titlob ukoll l-ammont ta' Lm11,333.00 bhala l-prezz ta' l-istock li baqa' fl-imhazen taghha u li hija ma setghatx tbiegh wara li gie ttterminat il-ftehim mis-socjeta` konvenuta. Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ripetutament talbet lis-socjeta` attrici sabiex tipprovdi lista ta' l-istock li kien ghad fadlilha

u li hija offriet li tirrifondi lura il-prezz ta’ l-imsemmi stock wara li dan ikun gie ritornat mis-socjeta` attrici lill-agent tas-socjeta` konvenuta hawn Malta (ara dokumenti a fol. 24 u 27 tal-process). Is-socjeta` attrici naqset milli taghmel dan u ma nghatat ebda spjegazzjoni accettabbli fir-rigward.

“Il-Qorti ghalhekk jidrilha li s-socjeta` attrici naqset mill-obbligu taghha li timminimizza d-danni u ghalhekk ma tistax issa titlob illi s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata tirrifondilha l-prezz ta’ l-istock, li huwa llum il-gurnata expired, meta hija setghet facilment tirritorna l-imsemmi stock u tithallas il-prezz ta’ l-istess fil-mument li gie tterminat il-ftehim.

“Is-socjeta` attrici talbet ukoll il-likwidazzjoni tad-danni konsistenti f’telf ta’ *goodwill* lilha kagjonati bhala konsegwenza tat-tixrid ta’ nformazzjoni zbaljata da parti tas-socjeta` konvenuta, liema danni hija tghid li m’humiex kwantifikabbli.

“Is-socjeta` attrici qed taghmel referenza ghall-avviz migjub mis-socjeta` konvenuta f’gazzetta lokali fejn din ta’ l-ahhar infurmat lill-membri tal-professjoni medika u lill-ispizeriji li Chemimart Limited kienet l-uniku *distributor* awtorizzat minnha sabiex jiddistribwixxi u jbiegh il-prodotti taghha fuq is-suq Malti u li kwalunkwe asserzjoni minn terzi fir-rigward kienet ghal kollox infondata.

“Il-Qorti jidrilha li l-publikazzjoni ta’ tali avviz holoq certu konfuzjoni fis-suq spejcalment meta wiehed jikkunsidra li s-socjeta` attrici kienet ghadha kemm ghamlet ezercizzju ta’ marketing fejn hija kienet ippromoviet il-prodotti tas-socjeta` konvenuta u kienet indikat lilha nnifisha bhala distributur awtorizzat fis-suq lokali ta’ l-imsemmija prodotti. Il-Qorti qeda’ arbitrio boni viri tillikwida id-danni sofferti mis-socjeta` attrici f’dan ir-rigward fis-somma ta’ Lm2,000.
“L-ammont totali ta’ danni sofferti mis-socjeta` konvenuta qieghed ghalhekk jigi likwidat fl-ammont ta’ Lm13,800.00.”

**L-appell tas-socjeta` konvenuta u l-appell incidentali tas-socjeta` attrici.**

Kemm is-socjeta` konvenuta kif ukoll is-socjeta` attrici hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata. Infatti s-socjeta` konvenuta intavolat appell principali fl-14 ta' Marzu 2006 fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti ghandha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici pprezentat appell incidentali fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu li laqghat it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti, tirrevokaha in kwantu biss jirrigwarda il-likwidazzjoni tat-telf ta' qliegh maghmula mill-ewwel Qorti u cioe` in kwantu li llikwidat is-somma ta' LM6,000 bhala telf ta' qliegh u tghaddi biex tillikwida finalment it-telf ta' qliegh abbazi ta' dak umilment indikat f'dan ir-rikors.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta qed tressaq tlett aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn in sostanza huma:-

a) li, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, il-ftehim ta' bejn il-partijiet kien intiz bhala perjodu ta' prova u mhux ghal zmien fiss;

b) li s-socjeta` konvenuta ma xandritx informazzjoni qarrieqa fil-konfront tas-socjeta` attrici izda ddikjarat biss stat ta' fatt; u

c) li fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, d-danni likwidati huma ezagerati.

**L-aggravji tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici qed tilmenta bazikament fuq l-ammont ta' danni akkordati ghat-telf ta' qliegh billi ssostni li fl-ewwel lok l-Ordni numru 15 mahrug taht is-Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972 li jistabilixxi l-percentwali tal-"mark up" ma japplikax ghal kaz in ezami; li l-"bonus products" u "medical samples" ghandhom valur kummercjali u bhala tali kellhom jigu kunsidrati ghal fini tal-likwidazzjoni tad-danni; u finalment li t-telf ta' qliegh ma kellux jigi komputat fuq l-"expected projected sales" izda fuq l-ammont li kellu jigi ordnat u konsenjat fl-ewwel sena.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` Alliance Unichem (Malta) Ltd, kumpannija sussidjarja tas-socjeta` attrici kienet timporta gewwa Malta prodott manifatturat mis-socjeta` konvenuta maghruf bhala “Osteocare Advanced” li kienet ottenietu tramite spizerija fl-Ingilterra bl-isem Impex Ltd. Dan il-fatt kien gie a konoxxenza tas-socjeta` konvenuta li, b’ittra tal-20 ta’ April, 2001, infurmat lis-socjeta` attrici li dan il-prodott ma kienx qed jigi esportat lejn Malta u li fi kwalunkwe kaz l-“*approved agent*” taghha ghal Malta kienet is-socjeta` Chemimart. Kien ghalhekk li fl-istess ittra s-socjeta` konvenuta kienet talbet li s-socjeta` Unichem “*shall cease to distribute unauthorised parrellel imports of Vitabiotics products, including those originating from Impex Ltd.*”

Wara skambju ta’ korrispondenza u laqgha gewwa Londra bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta, l-Export Manager tas-socjeta` konvenuta kiteb lis-socjeta` attrici fl-10 ta’ Mejju, 2001 fejn qalilhom hekk:
“*Following our meeting at Vitabiotics’ office with our President Dr. Lalvani, I am please to give you the export unit prices FOB London for Surgiquip-Malta and the trade terms (attached).”*

F’din l-ittra gie enfasizzat li l-ftehim kien intiz ghall-importazzjoni gewwa Malta ta’ l-Osteocare Standard Formula u li l-prezzijiet kienu tali “*which can secure a good profit margin on local retail price.*” Barra min hekk is-socjeta` konvenut kienet qed toffri “*bonus products and medical samples*” sabiex “*to further assist in the proper marketing of Vitabiotics products.*”

Fit-Trade Terms annessi ma’ l-istess ittra hemm indikat il-“*Minimum Purchase Volume*” “*for the first trade year”* li kien ta’ GBP100,000 filwaqt li gie hemm stipulat li “*The minimum annual purchase volume for the second trade year will be set in due course.*” Fl-istess dokument hemm imnizla il-“*Payment terms*”, il-“*Credit Ceiling*” kif ukoll il-“*Marketing support*” li kienet ser tipprovdi s-socjeta` konvenuta ghall-ewwel “*trade year*” filwaqt li jinghad li “*Marketing support for subsequent years will be agreed upon in due course.*”

Fis-6 ta' Settembru, 2001 is-socjeta` konvenuta baghtet Fax lis-socjeta` attrici fejn informata li minhabba l-fatt li l-ezistenza ta' zewg distributuri f'Malta "*is generating rivalry and price wars and, a lot of confusion with the pharmacies as well as consumers*" is-socjeta` konvenuta kienet iddecidied "*to terminate the co-distribution/marketing trial period.*" F'din l-ittra tissemma' l-ewwel darba li l-arrangament bejn il-partijiet u cioe` li s-socjeta` attrici kienet inghatat il-fakolta "*to import directly from us*" kienet "*for a trial period only.*"

B'risposta ghall-Fax fuq imsemmi s-socjeta` attrici rrispondiet fl-istess data fejn il-Managing Director tas-socjeta` attrici J.J. Saliba, filwaqt li wera l-irritazzjoni tieghu ghal fatt li l-ftehim kien indikat bhala "*co-distribution*" irrikonoxxa li dan il-ftehim kien "*for a trial period*" kif kien gie indikat lilu fil-laqgha li kienet saret f'Londra qabel l-ittra tas-socjeta` konvenuta tal-10 ta' Mejju, 2001, biss dan kiteb hekk:
*"…. you had told me that the distribution agreement was going to be for a trial period. There was no mention of the length of this trial period . Your letter dated 10th May 2001 set us a target purchase volume of GBP 100,000 for the first year.Therefore* *__we assumed__* *that this was the trial period."*

Effettivament wara din id-data s-socjeta` konvenuta ma issuplixxiet ebda prodott iehor lis-socjeta` attrici u fl-10 ta' Settembru, 2001, flimkien mas-socjeta` Chemimart rrilaxxjat "**Important Joint Announcement**" indirizzat lil "*All Managing Pharmacists, Medical Practitioners and other Healthcare Professionals*" fejn bazikament gie kkonfermat "*that Chemimart Ltd is the exclusive and sole legitimate importer and distributor for all Vitabiotics products for the Islands of Malta.*" Fl-istess avviz intqal ukoll li "*any statements or pronouncements by third parties contrary to the above are issued without the authority of the manufacturers, Vitabiotics Ltd, and are therefore totally unfounded.*"

Is-socjeta` attrici oggezzjonat ghad-decizjoni mehuda mis-socjeta` konvenuta u anke ghall-avviz fuq imsemmi, u dan

principalment billi din allegat li kienet giet involuta f'hafna spejjez biex tippromwovi l-prodott tas-socjeta` konvenuta u billi l-"*joint declaration*" kien ghamillha hsara fis-suq lokali.  Kien ghalhekk li s-socjeta` attrici istitwit dawn il-proceduri fejn talbet li s-socjeta` konvenuta tigi dikjarata li naqset mill-obbligi kuntrattwali taghha u konsegwentement tigi kkundannata thallas dawk id-danni li jigu likwidati konsistenti f'telf ta' profitti minhabba r-rifjut tas-socjeta` konvenuta li tissupplixxi merkanzija fit-termini u bil-prezzijiet miftehma, f'rifuzjoni ta' spejjez inkorsi biex jigi promoss f'Malta l-prodott tas-socjeta` konvenuta u dawk id-danni kagunati minhabba t-tixrid fuq is-suq Malti ta' informazzjoni skorretta.

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel kwistjoni li kellha tigi deciza in Prim Istanza kienet jekk l-ftehim tal-10 ta' Mejju, 2001 u cioe` meta s-socjeta` attrici nghatat il-*co-distributorship* f'Malta tal-prodotti tas-socjeta` konvenuta, kienx wiehed ghal perjodu determinat u cioe` ta' sena, jew jekk, kif qed tallega s-socjeta` konvenuta, dan kien biss bhala "*trial period*" dejjem soggett ghad-diskrezzjoni ta' l-esportatur li seta' jittermina l-ftehim kif u meta jrid.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li ghalkemm it-Trade Terms annessi ma' l-ittra tal-10 ta' Mejju, 2001 ma jindikawx terminu fiss tal-ftehim "*hemm diversi klawzoli ohra li mid-dicitura taghhom jindikaw li l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument li intlahaq il-ftehim kienet li dan il-ftehim ikun applikabbli ghal mill-anqas ghal perjodu ta' sena."* L-istess Qorti in sostenn ta' din il-konkluzzjoni ccitat diversi brani mill-istess Trade Terms li jindikaw dan.

Din il-Qorti ma tikkondividix il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti u dana semplicement fuq l-istqarrija ta' J.J.  Saliba, il-Managing Director tas-socjeta` attrici li, kif gie riportat aktar il-fuq, ddikjara li fit-trattativi li kienu saru f'Londra qabel ma inharget l-ittra tal-10 ta' Mejju, 2001, l-istess socjeta` konvenuta kienet qaltlu li d-"*distribution agreement was going to be for a trial period.*"  Perjodu ta' prova fih inniffsu jehtieg li l-obbligat ikollu d-dritt li

jittermina dak il-perjodu kemm-il darba dik il-prova ma tirrnexxix. Infatti kif insibu fid-dizzjunarju Funk & Wagnalls "*Trial*" tfisser "*the act of testing or proving by experience or use.*" Fic-cirkostanzi s-socjeta` attrici ossia l-Managing Director taghha ma kellu ebda dritt jassumi li s-socjeta` konvenuta kienet marbuta ghal zmien sena. Is-sena imsemmija fit-Trade Terms hija semplicement restrizzjoni fuq l-istess socjeta` konvenuta biex fil-kaz li t-Trial Period jdum sejjer ghal zmien sena s-socjeta` konvenuta ma tkunx tista` tbiddel il-prezzijiet tal-prodotti taghha, izda dan il-perjodu qatt ma jista` jigi interpretat bhala zmien definit ghal kemm t-Trail Period kellu jibqa' ghaddej. Kif sewwa osservat is-socjeta` konvenuta fir-rikors ta' l-appell "*ma jaghmilx sens li l-perjodu ta' prova jkun determinat ghax l-iskop tieghu kien li jekk l-effett kien ser jkun wiehed negattiv jitwaqqaf*." Infatti jidher car mill-ittra (Fax) tas-6 ta' Settembru, 2001 li s-socjeta` konvenuta baghtet lis-socjeta` attrici, dan l-arrangament ma kienx qed jirnexxi billi kien "*generating rivalry and price wars and, a lot of confusion with the pharmacies as well as consumers.*" Sitwazzjoni din li certament ma kinitx tawgura success ghan-negozju tajjeb tas-socjeta` attrici kif ukoll dak tas-socjeta` konvenuta.

Ghalhekk jidher li s-socjeta` konvenuta ma naqsitx mill-obbligi taghha meta itterminat il-ftehim tal-10 ta' Mejju, 2001 u konsegwentement ma tistax tigi mizmuma responsabbli ghad-danni minhabba telf ta' profitti minhabba nuqqas ta' fornitura ta' prodotti lilha ai termini ta' l-istess ftehim.

Daqstant ukoll ghandu jinghad fir-rigward ta' l-ispejjez inkorsi mis-socjeta` attrici konsistenti f'paga, kummissjoni u xiri ta' karozza. Jekk l-arrangament mas-socjeta` konvenuta kien wiehed ta' prova soggett ghall-volonta` tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici ma setghet qatt t'addebita dawn l-ispejjez lis-socjeta` konvenuta. L-attrici kienet qed tiehu riskju konsapevoli bl-intenzjoni li finalment tirrimpjazza lis-socjeta` Chemimart bhala agent tas-socjeta` konvenuta [ara f'dan ir-rigward l-ittra tas-socjeta` attrici tas-6 ta' Settembru, 2001]. Biss kif gia`

rajna dan ma irnexxix u dan hu r-riskju fid-dinja tan-negozju.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Tibqa' l-kwistjoni tat-talba ghad-danni minhabba tixrid ta' informazzjoni skorretta fuq is-suq Malti. L-ewwel Qorti hawn akkordat *arbitrio boni viri* s-somma ta' elfejn lira maltin LM2000 billi rriteniet:
*"li l-publikazzjoni ta' tali avviz holoq certu konfuzjoni fis-suq specjalment meta wiehed jikkunsidra li s-socjeta` attrici kienet ghadha kemm ghamlet ezercizzju ta' marketing fejn hija kienet ippromoviet il-prodotti tas-socjeta` konvenuta u kienet indikat lilha nnifisha bhala distributur awtorizzat fis-suq lokali ta' l-imsemmija prodotti."*

Il-kwistjoni kollha hawn tikkoncerna d-dikjarazzjoni ossia l-"**IMPORTANT JOINT ANNOUNCEMENT"** li giet rilaxxjata konguntivament mis-socjetajiet Vitabiotics u Chemimar Ltd fl-10 ta' Settembru, 2001. L-attrici qed isostni li dan l-avviz kien fih informazzjoni skorretta "*li tista' taghmel hsara lin-negozju tal-kumpannija attrici*" [ara citazzjoni]. Biss meta wiehed jezamina din id-dikjarazzjoni jsib li din hija semplicement dikjarazzjoni ta' stat ta' fatt li bl-ebda mod ma gie negat mis-socjeta` attrici u cioe` li in data tal-10 ta' Settembru, 2001 Chemimart kienet "*the exclusive and sole legitimate importer and distributor for all Vitabiotics products for the Islands of Malta*". Din id-dikjarazzjoni kienet veritiera u bhala tali qatt ma setghet tikkawza dannu kontra l-ligi lis-socjeta` attrici. Jekk, ghal kuntrarju, is-socjeta` attrici hasset li din id-dikjarazzjoni setghet fixklet l-ispacc da parti taghha tal-prodotti tas-socjeta` konvenuta, din l-istess socjeta` attrici setghet facilment laqghet ghal din l-eventwalita` billi taccetta l-offerta tas-socjeta` konvenuta li tirritorna l-prodotti taghha in konsiderazzjoni ta' "Full refund at landed cost" kif gie offrut fit-13 ta' Settembru, 2001.

In vista tal-premess l-appell incidentali tas-socjeta` attrici mhux ser jigi kunsidrat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi milquh u konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi revokata u t-talbiet attrici qed jigu michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi ghas-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------